

# Min kien Duminku Mintoff

Minn Joseph Zrinzo

Duminku Mintoff iben denju tal-Belt ta' Bormla li twieled fis-sena 1916, iben Wenzu u Concetta née Farrugia. Duminku twieled fil-festa tas-Salvatur, donnu twieled taħt isem li tah it-titolu ta' Salvatur fil-ħajja politika tiegħu favur il-fqir u l-bagħtut kemm f'pajjiżu kif ukoll fil-pajjiżi fil-Mediterran.

Duminku Mintoff studja fl-iskola elementari tal-Gvern imbagħad mexa għas-Seminarju u aktar tard fl-Università ta' Malta, wera kuraġġ u imħabba lejn il-proxxmu tiegħu minn età tenera. Wieħed jista' jikkwota li qal lil sħabu Universitarji fil-15 ta' Mejju 1939 "Malta għandha bżonn ta' membri b'ideat friski biex jiġbru flimkien l-elementi progressivi kollha u jibdlu s-sistema soċjali medjevali f'oħra li tkun ta' għira għall-bqija tad-dinja." Mintoff mexxa l-Partit u l-Pajjiż mis-sena 1945 sa 1984, fejn bħalma jagħmlu ftit mexxejja fid-dinja għaraf iż-żmien li jwarrab kien wasal, però xorta baqa' joffri lill-Gvern u lill-Pajjiż is-servizz tiegħu.

Mintoff kien il-bniedem li ra l-valur u l-kapaċità ta' mara Maltija billi taha d-dinjità li kien jixirqilha, ħariġha biex teduka ruħha u turi l-kapaċità tagħha, wassalha biex ikollha rappreżentanza fil-Parlament, kif ukoll onoraha billi għamilha Kap tal-Istat.

Il-viżjoni prinċipali ta' Duminku Mintoff li jara lil pajjiżu jiġi elevat għad-dinjità ta' nazzjon ħieles immexxi minn Kap ta' Stat Malti, li jneħħi lil Malta minn fuq il-mappa ta' pajjiż tajjeb biss għad-difiża tal-barrani, irnexxilu jatwaha u dan peress li Malta ingħatat dimensjoni li tkun pajjiż jippromovi l-paċi fil-Mediterran u konsegwentement il-paċi fid-dinja.

Mintoff irnexxilu joħroġ il-poplu mill-faqar billi ta l-edukazzjoni b'xejn għal kulħadd, inkluż dik terzjarja, ħa ħsieb il-marid u l-bgħatut, ta benefiċċji soċjali u dan fost ħafna opportunitajiet li ta biex kull ċittadin jiżviluppa u jimxi 'l quddiem. Prinċipju fundamentali li dejjem ħaddan Duminku Mintoff kien li l-bnedmin maħluqin minn Alla kollha xorta waħda u meta jitwieldu għandhom ikollhom l-istess drittijiet u l-istess opportunitajiet, u għalhekk kien jiftaħar li kien mexxej soċjalista, għax is-soċjalismu demokratiku huwa l-mezz fejn kulħadd jingħata d-dinjità li jixraqlu għall-kapaċità li għandu.

Mintoff dejjem wera l-kuragg li ma jiddejjaqx x'taħseb fuqu d-dinja u l-kbarat tagħha, basta dak li jagħmel ikun il-ġid tal-proxxmu tiegħu, għax dejjem mexa b'sens ta' kuxjenza soċjali u rispett għad-dinjità tal-bniedem. Mintoff ma ddejjaqx li wara li għamel ftehim ta' difiża man-NATO u Gran Brittanja, imur iċ-Ċina, pajjiż li l-Punent kien għadu ma jagħrafx, u jagħmel ftehim miegħu bbażat fuq rispett reċiproku bejn l-akbar pajjiż tad-



dinja ma' wiehed mill-izgħar pajjizi. Dan il-ftehim għadu fis-seħħ sal-lum għaliex bejn il-pajjiż tagħna u l-pajjiż Ċiniż, dejjem irrenjat ħbiberija sinċiera mingħajr ebda indħil politiku. Tant kien bniedem rispettat għall-ħsibijiet u l-politika ta' paċi u kunsens tiegħu, li diversi pajjiżi onorawh b'dekorazzjonijiet importanti.

Bil-kuraġġ ta' Mintoff, il-poplu Malti fehem li d-destin tiegħu kien f'idejh u bħala poplu magħqud, xejn u ħadd ma seta' jċaħdu minn futur aħjar, fejn ikun immexxi min-nies denji Maltin, u jaraw l-interessi tal-poplu Malti u Għawdxi kollu. Għalkemm ġo Bormla fi Pjazza San Ġorġ ittella' monument tal-maħbub Perit Mintoff, wieħed ma għandux għalfejn imur Bormla biex jara dan il-monument għaliex Mintoff ħalla monumenti kbar u ħajjin, fosthom *housing estates*, sptarijiet, poli-clinics, skejjel, industrija, benefiċċji soċjali, li għadhom jidgawdew mill-poplu Malti u Għawdxi sal-lum. Għalhekk inħoss li kollha kemm aħna nkunu rikonoxxenti lejn dan l-istatista kbir Malti, li baqa' juri imħabba lejn Malta u l-poplu Malti sal-aħħar ta' ħajtu.